# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Att Akkuza Nru 433/2002

**Il-Pulizija**
**(AC Alexandra Farrugia Mamo)**

**kontra**

**Emanuel Schembri**

Illum, 14 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-kap ta' akkuzi ipprezentati fil-31 ta' Mejju 2002 quddiem il-Qorti Kriminali kontra **Emanuel Schembri** ta' 51 sena, iben Francesco u Annunziata nee' Sciberras, imwieled Pieta fit-23 ta' Awwissu 1964 u residenti Windsor Flats Block 1, Flat 6, Triq ix-Xitwa, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita numru 442464 (M) li kienu s-segwenti:

*Illi talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Novembru 1999 u fis-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:*

*(a) Wara li bhala persuna registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Reg : 1476-7518 approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' LM 9,834.23 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu. Dan bi ksur tal-Artikoli 18, 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat l-atti tal-kawza mibdija fit-30 ta' Settembru 2002 u x-xhieda hemm inkluza u pprezentati quddiem dina l-Qorti, partikolarment is-segwenti:

- Ix-xhieda ta' **Paul Scicluna** (fol 13) moghtija fit-30 ta' Settembru 2002, **PC617 John Attard** (fol 27) moghtija fit-3 ta' Marzu 2003 u **Spettur Bernard Zarb** (fol 44) moghtija fis-26 ta' Ottubru 2004.

Rat illi fil-31 ta' Mejju 2002 saret l-ewwel dehra quddiem il-Qorti Kriminali fejn gew ezebiti l-kunsens tal-Avukat Generali, fedina penali, stqarrija u estratt mill-att tat-twelid.

Rat id-dokumenti esebiti mix-xhieda.

Rat illi fis-seduti ta' bejn il-21 ta' Mejju 2003 u l-1 ta' Lulju 2004 l-imputat imsejjah diversi drabi qatt ma deher.

Rat li saret seduta fis-6 ta' Ottubru 2004 fejn instemghet ix-xhieda tal-Ispettur Bernard Zarb.

Rat illi fis-seduti ta' bejn l-10 ta' Jannar 2005 u d-19 ta' Settembru 2006 l-imputat imsejjah diversi drabi rega' qatt ma deher u fis-seduti li saru sussegwentement wara din id-data ma sar xejn.

Rat illi fit-13 ta' Marzu 2012 il-kawza giet differita sine die.

Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2017 il-kaz gie assenjat lill-Magistrat Sedenti.

Rat illi il-Qorti, kif ippresjeduta, appuntant il-kaz ghas-smiegh ghall-11 ta' April 2018.

Rat illi fit-23 ta' April 2018 il-Prosekuzzjoni iddikkjarat li kienet ilha li ghalqet il-provi mis-26 ta' Ottubru 2004 u l-kawza giet differita ghall-provi difiza.

Rat illi fis-seduti ta bejn il-15 ta' Mejju 2018 u l-10 ta' Jannar 2019 ma sar xejn.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019, il-partijiet gharrfu l-Qorti illi l-kaz odjern huwa kaz antik hafna u c-cirkostanzi tal-akkuzat illum il-gurnata inbidlu u ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti timxi bil-klemenza fil-konfront tal-akkuzat, liema posizzjoni giet ukoll imhaddna mill-prosekuzzjoni, li wkoll fehmet ic-cirkostanzi tal-kaz.

Il-Qorti,

Wara illi semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Wara li ssospendiet is-seduta fattwalment u tat l-fakolta' lill-imputat sabiex johrog mill-awla u jikkonsulta ma' l-avukat tieghu barra mill-awla;

Wara illi regghet sejjhet il-kawza u rega' deher l-akkuzat debitament assistit;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk inghatax zmien bizzejjed biex jikkontempla d-dikjarazzjoni tieghu u semghetu jikkonferma illi inghata zmien bizzejjed;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk fehemx l-imputazzjonijiet kollha;

Wara illi staqsiet lill-imputat esplicitament jekk jafx x'inhi l-piena ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet u semghetu jikkonferma illi jaf; u

Wara illi l-Qorti nformat lill-imputat bil-pieni applikabbli ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet.

Wara illi rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310 (l)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur